MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## MARSEANN FARRUGIA

Seduta ta' l-10 ta' Novembru, 2014

Numru. 91/2007

**Il-Pulizija**

**(Spettur Marisa Zammit)**

**vs.**

**Joseph Zammit**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra:

Joseph Zammit, ta' 48 sena, bin il-mejjet Micheal u Catherine nee' Xerri mwieled Hal-Qormi fi 6 t'Awwissu, 1958 u residenti 229 Flat 5, Triq D'Argens, Gzira, detentur tal-Karta tal-Identita Numru 543458(M).

Akkuzat talli f'dawn il-gzejjer fit-12 ta' Mejju 2006 u matul il-granet ta' qabel:

Ikkoltiva l-pjanta tal-cannabis bi ksur tal-artikolu 8(C) tal-Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta.

Semghet ix-xhieda, u rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti ezebiti, inkluz l-ordni tal-Avukat Generali bis-sahha tas-subartikolu tnejn (2) tal-Artikolu 22 tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap. 101), sabiex din il-kawza tinstema' minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali.

Semghet it-trattazzjoni finali tal-partijiet.

Ikkunsidrat:

**Il-Fatti**

Il-fatti saljenti li taw lok ghal dawn il-proceduri huma s-segwenti:

1. Il-Pulizija giet imsejha sabiex tassisti dwar xi ksur ta' bon ordni fil-fond 62, Triq Pinto Hal-Qormi. Il-Pulizija accediet fuq il-post indikat u l-argument gie rizolt.
2. Madanakollu, waqt l-argument, Alfred Zammit, li jigi z-ziju tal-imputat, gibed l-attenzjoni tal-Pulizija illi fuq il-bejt tal-imsemmi fond kien hemm xi haga li setghet kienet illegali.
3. Il-Pulizija, akkumpanjati minn Zammit, telghu fuq il-bejt u hemm giet indikata lilhom pjanta mdawra b'dak li huwa maghruf bhala "chicken wire" li kienet fuq cint ta' hajt divizorju – il-Pulizija kellha suspett li din il-pjanta kienet tal-cannabis.
4. Il-fond imsemmi huwa maqsum bejn omm l-imputat u z-zija tieghu Ludgarda Zammit, li tigi oht Alfred Zammit.
5. Ludgarda Zammit, li toqghod fil-fond fuq imsemmi qalet lill-Pulizija li gieli rat lill-imputat jiehu hsieb il-pjanta.

6. Fl-istqarrija tieghu, l-imputat ammetta li hu kien imur izur lill-ommu tliet darbiet fil-gimgha u jdum hemm sieghat, pero cahad li huwa kien jaf dwar din il-pjanta jew li b'xi mod kellu x'jaqsam maghha. Huwa qal ukoll li kulhadd kellu access facli ghal post fejn instabet il-pjanta, ghaliex wiehed mill-bibien ikun miftuh kwazi dejjem.

**Kunsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti**

Mir-relazzjoni tal-Ispizjar Mario Mifsud, ezebita fil-*proces verbal*[1] jirrizulta li l-pjanta li kienet fuq il-bejt kienet verament pjanta tal-cannabis.

Minkejja dak li z-zijiet tal-imputat Alfred u Ludgarda Zammit qalu lill-Pulizija, meta huma xehdu quddiem din il-Qorti, dawn ix-xhieda taw verzjoni differenti.

Alfred Zammit qal li qatt ma ra lil xi hadd ihawwel pjanta fuq il-bejt, u li l-hajt divizorju li fuqu instabet il-pjanta huwa naha taghhom u naha ta' terzi persuni, li ma jafhomx. Dawn in-nies ihallu l-bieb ta' barra taghhom dejjem miftuh, u ghalhekk minn dak il-bieb kulhadd kellu access ghal bejt.[2]

Ludgarda Zammit ikkonfermat li l-bejt in-naha l-ohra tal-hajt divizorju kien jappartjeni lil bini ta' kerrejja, u n-nies f'din il-kerrejja kienu il-hin kollu jinbidlu. F'din il-kerrejja hemm tarag li jwassal ghal bejt. Hija qalet bil-gurament li la rat lill-imputat ihawwel il-pjanta u la qatt ratu isaqqiha.[3]

[1] Li gie ezebit bhala Dok OD1 a fol. 61 tal-process. Ir-relazzjoni tal-Ispizjar Mifsud tinsab a fol. 8 tal-*proces verbal* u hija ezebita bhala Dok MM.
[2] Ara xhieda ta' Alfred Zammit a fol. 42-43 tal-process.

Kif ammettiet l-istess Ufficjal Prosekutur fit-trattazzjoni orali, li fejn kienet pogguta l-pjanta ma tistax tghid jekk hux ta' bejt wiehed jew ta' bejt iehor, u dan jirrizulta anke mir-ritratti ezebiti fil-*proces verbal*.

F'dan l-istat tal-provi certament ma jistghax jinghad li l-Prosekuzzjoni irnexxielha tipprova l-kaz taghha sal-grad rikjest fil-kamp penali.

**Konkluzjoni**

Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti issib lill-imputat mhux hati tal-imputazzjoni dedotta kontrieh u qed tilliberah minnha.

Il-Qorti tordna d-distruzzjoni tad-droga ezebita taht is-supervizjoni tar-Registratur.

## < Sentenza Finali >

[3] Ara xhieda ta' Ludgarda Zammit a fol. 45 *et seq.* tal-process.

---------------------------------TMIEM---------------------------------